**Ruling mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 259 tas-7 ta' Ottubru 2024 dwar mistoqsijiet parlamentari mhux imwieġba**

Fis-seduta 258 tal-15 ta' Lulju 2024, ċjoè l-aħħar seduta qabel ma l-Parlament aġġorna għall-btajjel tas-sajf, l-Onor. Alex Borg, wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, staqsa lis-Sedja:

> "Sur President, nixtieq li tiggwidani s-Sedja rigward mistoqsija parlamentari li għamilt erba' darbiet però l-Ministru Ian Borg, għal xi raġuni jew oħra, mhux qed jirrispondini. Il-mistoqsija parlamentari titlob li l-Ministru Ian Borg jagħtini l-lista ta' persuni li f'dawn l-aħħar għaxar snin kellhom il-passaport diplomatiku Malti, maqsuma sena b'sena. Għal xi raġuni jew oħra, forsi hemm xi isem li mhux suppost qiegħed hemmhekk, u għandu passaport diplomatiku. Nixtieq direzzjoni mis-Sedja fuq kif nista' nimxi fuq din il-mistoqsija."

Is-Sedja rat id-domanda parlamentari 20,814 magħmula fil-11 ta' Lulju 2024 lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u Kummerċ bis-suġġett Passaport Diplomatiku Malti, li kien qiegħed jagħmel referenza għaliha l-Onor. Borg fit-talba tiegħu, u nikkwota:

> "Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 19754, 20236 u 20475 u jagħti lista ta' persuni li f'dawn l-aħħar għaxar snin kellhom il-passaport diplomatiku Malti, maqsuma sena b'sena?"

Fis-seduta 258 tal-15 ta' Lulju 2024, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u Kummerċ wieġeb hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari għadha qed tkun imħejjija."

Is-Sedja tagħmel referenza għal diversi rulings li tat fuq il-mansjoni tas-Sedja f'dak li jikkonċerna mistoqsijiet parlamentari. Pereżempju, fir-ruling mogħti fis-Seduta 29 tal-5 ta' Ottubru 2022, is-Sedja qalet illi:

> "… is-Sedja ttenni dak li ġie espress diversi drabi, kemm minnha kif ukoll minn Speakers preċedenti, li hija m'għandha l-ebda poter li b'xi mod tindaħal fil-kontenut tat-tweġibiet li jagħżlu li jagħtu l-Ministri.
>
> Madankollu, is-Sedja tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa' tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli. Għalhekk il-Membri huma mħeġġa sabiex jużaw ir-rimedji kollha li tagħtihom il-Kamra sabiex jinsistu għall-informazzjoni li jkunu qegħdin jitolbu."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għar-Ruling li tat fis-Seduta 36 tal-24 ta' Ottubru 2022. Dakinhar is-Sedja kienet qalet illi:

> "Is-Sedja rat it-tweġibiet mogħtija għal dawn il-mistoqsijiet, li f'kull każ ġew imwieġba illi t-tweġiba tingħata f'seduta oħra. Is-Sedja għal darb'oħra terġa' ttenni illi hija m'għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom. Is-Sedja, madankollu, tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta'

> skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa' tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli. Għalhekk il-Membri huma mħeġġa sabiex jużaw ir-rimedji kollha li tagħtihom il-Kamra sabiex jinsistu għall-informazzjoni li jkunu qegħdin jitolbu."

F'ruling aktar riċenti, fis-Seduta 73 tal-10 ta' Jannar 2023, is-Sedja qalet illi:

> "Is-Sedja rat it-tweġibiet mogħtija għal dawn il-mistoqsijiet, li f'kull każ ġew imwieġba illi t-tweġiba tingħata f'seduta oħra. Is-Sedja għal darb'oħra terġa' ttenni illi – kif għamlet diversi drabi, anke f'din il-Leġiżlatura, u senjatament fis-seduti 29, 33 u 36 tal-5, 17 u 24 ta' Ottubru 2022 rispettivament – hija ma għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom. Is-Sedja, madankollu, tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa' tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli."

Peress illi dan l-aspett ta' proċedura parlamentari ma hux ikkontemplat fir-regoli tagħna, bis-saħħa tal-Ordni Permanenti 197 tal-Kamra tad-Deputati, li jgħid illi:

> "Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-Ordnijiet Permanenti, wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti safejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni."

is-Sedja rat il-pożizzjoni tal-House of Commons Ingliża. Filwaqt li l-Ordnijiet Permanenti jirregolaw b'mod ċar kif għandhom isiru d-domandi, ma hemmx indikat illi domanda parlamentari trid tiġi mwieġba.

Min-naħa l-oħra s-Sedja, fir-riċerka tagħha għal dan ir-ruling, innotat żvilupp interessanti f'wieħed mill-pajjiżi tal-Commonwealth, fil-Kanada, fejn fl-2001 daħlet regola li meta mistoqsija ma tiġix imwieġba fi żmien 45 ġurnata (li huwa l-perjodu li fih mistoqsija parlamentari trid tiġi mwieġba), din il-mistoqsija tiġi awtomatikament referuta lil kumitat tal-Kamra tal-għażla tal-Membru li jkun għamilha.[1] Fil-fatt taħt il-proċedura li qed insemmi, fil-Kanada, nikkwota:

> "Should a written question not be answered within the required 45 calendar days, the failure of the government to respond to the question is automatically referred to a standing committee selected by the member who posed the question. Alternatively, members may decide to take the matter up during Adjournment Proceedings. If a member chooses to proceed in this way, the reference to the committee is dropped."

Mill-proċedura fil-Parlament Kanadiż wieħed jinnota wkoll żvilupp fil-proċedura li daħal fl-1991 fejn Membri li ma jkollhomx risposta għall-mistoqsijiet tagħhom jistgħu jqajmu l-kwestjoni fil-ħin tal-Aġġornament, xi ħaġa li s-Sedja preżenti ssuġeriet ukoll f'każijiet simili.

---

[1] Written Questions - https://www.ourcommons.ca/procedure/procedure-and-practice-3/ch_11_2-e.html#footnote-015-backlink

F'diversi rulings, is-Sedja fakkret dwar 'l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba [mill-Ministri], u dan fi żmien raġjonevoli'[2], u dan għaliex 'tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari...'[3].

Is-Sedja, minkejja li tibqa' marbuta mar-regoli u prassi viġenti anke għar-rigward ta' tweġibiet għal-mistoqsijiet parlamentari, min-naħa l-oħra tifhem sew dawk il-Membri illi jilmentaw illi l-mistoqsijiet leġittimi tagħhom ma jkunux qegħdin jiġu mwieġba, u kien għalhekk illi stħarrġet il-pożizzjoni f'pajjiżi oħra tal-Commonwealth. L-eżempju tal-Kanada mhux biss juri li din is-sitwazzjoni ma hix unika għas-sistema tagħna, iżda juri wkoll li jista' jkun hemm żviluppi fil-proċedura parlamentari biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet.

Għalhekk, kif għamilt diversi drabi, nerġa' nappella liż-żewġ naħat tal-Kamra sabiex din il-materja tiġi diskussa bis-serjetà, u bħall-Parlament Kanadiż jindirizza s-sitwazzjoni fejn mistoqsijiet parlamentari ma jkunux qegħdin jiġu mwieġba għas-sodisfazzjon tal-Membru li jkun għamilhom.

Ir-ruling huwa deċiż.

[2] S154, 11 ta' Ottubru 2023, S155, 16 ta' Ottubru 2023
[3] S138, 26 ta' Ġunju 2023, S73, 10 ta' Jannar 2023, S36, 24 ta' Ottubru 2023, S29, 5 ta' Ottubru 2023